MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## NADIA H. VELLA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 531/2012

Joseph **Bartolo**

**K.I. 150383(M)**

**vs.**

**Water Services Corporation, u**
**Awtorità għat-Trasport Malta**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2012, li permezz tiegħu:

> l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenuti jew min minnhom tas-somma ta' tlett elef, erba' mija u tnejn u ħamsin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€3452.88) rappreżentanti danni li sofra l-attur meta Triq il-Marfa, il-Mellieħa ċediet waqt li kien qed isuq il-bus tiegħu bin-numru tar-reġistrazzjoni EBY 526 f'din l-istess triq fil-11 ta' Ottubru 2010 bir-riżultat illi dan l-istess bus ġarrab ħsarat kbar.
>
> Għal dan l-inċident huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom.
>
> Bl-ispejjeż, komprisi dawk tal-ittra uffiċjali datata 8 ta' Marzu 2012 kontra l-konvenuti u bl-imgħax kontra l-istess konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Ra **r-risposta tal-Awtorità għat-Transport f'Malta,** ippreżentata fl-20 ta' Awwissu 2012, fejn hija eċċepixxiet:

1. Illi in linea preliminari, isem l-awtorità konvenuta huwa Awtorità għat-Trasport f'Malta u għalhekk għandha ssir id-debita korrezzjoni;

2. Illi in linea preliminari, l-Awtorità konvenuta mhix il-leġittimu kuntradittur u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur u dana peress illi l-kawża taċ-ċediment tat-triq inkwistjoni kien riżultat dirett ta' "water main" li nfaqgħa, liema "water main" mhuwiex il-proprjetà ta' l-Awtorità konvenuta u l-istess Awtorità konvenuta lanqas m'hi l-entità responsabbli għas-superviżjoni, manutenzjoni u ż-żamma fi stat tajjeb ta' dana l-istess "water main".

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet ta' l-attur kontra l-Awtorità konvenuta huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-inċident inkwistjoni kien riżultat ta' casus jew forza maġġuri u għalhekk l-Awtorità konvenuta ma tistax tinżamm responsabbli għall-akkadut.

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità konvenuta ma għandha tbati ebda spejjeż peress illi diġà infurmat lill-attur dwar il-pożizzjoni tagħha permezz ta' ittra bonarja ddatata 23 ta' Novembru 2011 u risposta għall-ittra uffiċjali ddatata 12 ta' April 2012 u għal raġunijiet oħra li se jirriżultaw waqt is-smigħ ta' dawn il-proċeduri.

Bl-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tal-ittra bonarja, u tar-risposta għall-ittra uffiċjali hawn fuq imsemmija, kontra l-attur li huma minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Ra **r-risposta tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma** ippreżentata fit-22 ta' Awwissu 2012, fejn hija eċċepixxiet:

.

Illi l-Korporazzjoni intimata tissottometti umilment illi hija mxiet korrettement u ai termini tal-liġi.

Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti fil-fatt u fid-dritt stante li kwalsiasi danni allegatament sofferti mir-rikorrenti ma humiex tort u/jew negliġenza tal-Korporazzjoni intimata, u fi kwalunkwe każ, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kap. 355 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari tas-sub-Artikolu (2) tal-istess Artikolu.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost il-quantum tad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti jeħtieġ li jiġi ppruvat.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tal-5 ta' Diċembru 2013 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Provi**

Sema lil **PS 1586 Ronnie Attard** li kkonferma li huwa kien l-ewwel persuna li ġie infurmat bl-inċident li seħħ fi Triq il-Marfa, il-Mellieħa u kien investiga dan l-inċident. Huwa kkonferma li r-ritratti Dok JB1 sa Dok JB4 juru l-ħofra mertu ta' dan l-inċident. Qal illi s-Sur Ellul Inġinier mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kien qallu li l-inċident seta' ġara minħabba li l-water main pipe li ġej mir-reverse osmosis u sejjer fid-direzzjoni tal-Mellieħa ċeda u minħabba l-pressjoni tal-ilma, ċediet it-triq. Ix-xarabank li kien involut fl-inċident kellu n-numru ta' reġistrazzjoni EBY-526 u x-xufier tiegħu dak il-ħin kien Joseph Bartolo u li huwa wkoll is-sid reġistrat ta' din ix-xarabank.

Sema lil **Nigel Ellul** li meta ġara l-inċident kien jaħdem mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bħala regional manager fin-North area. Qal illi li ġara f'dan il-każ kien li l-water main pipe li mir-reverse osmosis kien sejjer lejn il-ġibjun ta' Ta Qali nfaqa'. Qal li meta jkun hemm inċident bħal dan jiddependi mit-triq kemm ħa tiflaħ iżżomm għall-ilma li jkun qed jipperkola taħt.

Huwa kkonferma li l-pipe li nfaqa' huwa propjeta tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Il-manutenzjoni tal-pipe suppost issir mill-istess Korporazzjoni. Xehed li dan mhuwiex pipe li faċilment issir manutenzjoni fuqu għax huwa pipe mirdum taħt l-art u għalhekk il-Korporazzjoni mhix ser toqgħod taqilgħu biex tiċċekja jekk għadux tajjeb u terġa tordmu. Il-manutenzjoni tas-sistema tal-ilma ġeneralment issir billi josservaw il-flows li jkun hemm. F'dan il-każ, il-ħsara tant kienet kbira li malli seħħet il-ħsara ċediet it-triq. Ħsara bħal din ma jistgħux jiddeduċuha min-nuqqas ta' flow. Spjega illi il-post fejn seħħ l-inċident huwa l-post li huwa l-aktar livell baxx meta tqabblu mar-reverse osmosis u Ta' Qali u għalhekk huwa l-post fejn għandu l-aktar pressjoni. Il-flow li ħareġ minn ġol-pipe għawwar taħt u spiċċat sfrondat it-triq. Qal li fiż-żona tal-Għadira l-pajpijiet huma protetti biss mir-ramel ta' madwar.

Sema' lill-**attur Joseph Bartolo**, li qal li huwa s-sid tax-xarabank bin-numru tar-reġistrazzjoni EBY-5262. Fil-11 t'Ottubru 2010, kien għaddej mill-Mellieħa lejn iċ-Ċirkewwa għall-ħabta tas-6.10am. Kull ma seta jara kien li t-triq kellha l-wiċċ mgħotti bir-ramel minħabba l-maltemp, iżda x'ħin kien għaddej minn hemhekk, it-triq ċediet. Ix-xarabank weħel ġo ħofra. Huwa ċempel l-għassa tal-Pulizija fejn niżlu xi pulizija fuq il-post, u iktar tard fuq il-post ġiet ukoll perita tal-gvern li ħadet ħsieb għalqet it-triq. Imbagħad ix-xhud ċempel ħabib tiegħu li għandu 'tow truck' biex ikun jista' jiġbdu u joħorġu minn din it-toqba.

Kienet saret stima tal-ħsarat li sofra ix-xarabank u li ġiet maħruġa minn ċertu Nathalino Agius, u li tinsab fol. 14 tal-proċess. Xehed illi oltre li weħel l-ispejjeż biex sewwa x-xarabank, tilef ukoll sebat'ijiem tax-xogħol u dan sakemm ix-xarabank kien qiegħed jiġi msewwi. L-ammont kollu li qed jitlob f'din il-kawża filfatt huwa l-ammont komplessiv bejn l-ispejjeż biex sewwa x-xarabank u l-ammont rappreżentanti telf ta' xogħol.

Ikkonferma illi sakemm ix-xarabank kien għat-tiswija huwa ma setax jaħdem u għalhekk dan kien ifisser telf ta' qligħ għalih. Ix-xarabank dam jissewwa sitt' ijiem li kienu mit-12 ta' Ottubru 2010 sas-17 t'Ottubru 2010. Ippreżenta prospett redatt mill-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku li dak iż-żmien kien membru tagħha, fejn hemm indikat bil-'minus' l-ammont li ma daħħalx għall-kull jum li x-xarabank kien qed jissewwa. Spjega li huwa m'huwiex qed jitlob l-ammont kollu indikat fil-prospett iżda minnu naqqas 27% illi normalment l-assoċjazzjoni tnaqqsilhom bħala l-prezz tad-diesel.

Ikkonferma illi fis-sena 2010 kien 'self-employed'. Xehed ukoll li f'dik is-sena, ix-xarabank ħadem kuljum għaliex meta ma jsuqux l-attur innifsu, ikun jista' jgħaddih lil ħaddieħor biex jagħmel il-vjaġġi bih.

Huwa esebixxa l-VAT returns relattivi għall-perjodu meta ġara l-incident li permezz tagħhom xtaq iġib il-prova tad-dħul tiegħu f'dak iż-żmien.

Sema lil **Nathalino Agius**, 'damage assessor' li evalwa l-ħsarat li kien hemm fil-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EBY-526 liema ħsara kienet fil-parti ta' wara tal-vettura. Il-vettura kienet xarabank tal-għamla 'King Long'. Huwa kkonferma li r-rapport fol. 14 għamlu hu dwar dan ix-xarabank. Qal li d-danni fuq din il-vettura laħqu għall-ammont ta' €2,540.54 liema somma hija għall-parts, labour, survey fee, towing u VAT biex tissewwa il-ħsara f'din il-vettura. Ġie miftiehem illi x-xogħol ta' tiswija kellu jsir fi żmien sitt'ijiem tax-xogħol u dan għalhekk jeskludi l-'weekend'. B'kollox għalhekk il-vettura kella ddum għand min ser isewwi għall-tmint'ijiem.

Spjega li ġie determinat sitt'ijiem biex issir it-tiswija fuq il-vettura billi kellha bżonn kemm tiswija mekkanika, xogħol ta' tellar u wkoll 'spray'. Qal li certi partijiet iridu

jinħadmu bl-idejn u dan peress illi ma jinstabux faċilment fis-suq. Spjega wkoll li kien hemm iktar minn kulur wieħed involut fuq il-vettura u dan għalhekk ifisser li tkun trid tisprejjaha, tistennieh jinxef, timmaskja u terġa' tisprejjaha.

Sema' lill-**Perit Edric Micallef** li jaħdem mal-Awtorita' għat-Trasport ta' Malta. Rigward l-inċident illi seħħ fil-11 t'Ottubru tas-sena 2010 huwa sostna li Transport Malta m'għandha l-ebda responsabbilta' għal-manutenzjoni tas-sistema' tal-ilma.

Sema' wkoll lil **John Micallef** in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-Malti li esebixxa l-formoli tat-taxxi tal-attur għas-snin bażi 2009, 2010 u 2011.

Sema' wkoll lill-ġurnalista **Claudia Calleja** li esebiet il-press releases li ħarġu l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex iwieġbu d-domandi li jkunu saru mill-ġurnalisti.

Sema wkoll lill-**Perit Odette Lewis** impjegata bħala Perit mal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, li kkonfermat ir-rapport li ħejjiet dwar dan l-inċident. Ir-ritratti li jinsabu mehmużin ma' dan ir-rapport ħadithom hi personalment. Spjegat li fil-jum tal-inċident irċeviet telefonata kmieni filgħodu f'xi 6.15am mingħand ċertu Joseph Busuttil għan-nom tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma liema telefonata kienet tirrelata ma ħsarat illi xtaqu jsewwu. Fit-triq lejn l-Għadira, irċeviet ukoll telefonata mingħand il-Pulizija, fejn infurmawha li kien hemm inċident li fih kienet involuta xarabank. Fil-fatt meta waslet fuq il-post saret taf li fil-fatt it-telefonati kienu konnessi għaliex fuq il-post kienet sabet il-persuna li kienet għamliltilha t-telefonata min-naħa tal-Water Services, kif ukoll ix-xarabank fl-inċident. Hija rat ix-xarabank kif kien wara l-inċident u rat it-toqba fl-art tat-triq u bir-rota ta' wara tax-xarabank imdaħħla ġo din it-toqba. Dina ma kinitx sempliċiment *pot hole* imma din kienet sfrundat it-triq għaliex taħtha kien mherri.

Joseph Busuttil u l-Inġinier Nigel Ellul infurmawha li kien mar main tal-500 u li kien hemm bżonn jibdew it-tiswijiet immedjatament. Peress illi tnawret parti mit-triq fiż-żona tal-inċident iddiskutew kif ser isiru t-tiswijiet u kif ser jgħaddu t-traffiku. Xogħolha kien li tgħid kif kellha tiġi re-instated it-triq u kif isiru t-tiswijiet kif ukoll li tawtorizza li tingħalaq it-triq sabiex ikunu jistgħu jsiru x-xogħoljiet. Ix-xogħolijiet ta' tiswija saru mill-Water Services.

Spjegat illi bħala prassi kull meta jkun hemm entita' illi tixtieq tagħmel tiswijiet fit-triq tiġi msejħa Transport Malta għaliex din għandha r-responsabilita' fuq it-toroq u għalhekk ħadd ma jista' jibda xogħol ta' tiswija fuq it-toroq jekk ma tagħtix il-permess Transport Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

Fl-ewwel lok, rigward ir-responsabilita tal-inċident, mhux qed jiġi kontestat il-fatt li l-attur huwa ħieles minn kull responsabilita. L-entitajiet konvenuti jattribwixxu it-tort kollu wieħed lill-ieħor.

It-Tribunal jikkonsidra illi f'dan il-każ, kellek triq illi ċediet bil-konsegwenza li x-xarabank waqa' fil-ħofra ossia fil-parti sfrondata tat-triq. It-triq ma ċeditx minħabba nuqqas ta' manutenzjoni, jew stat ħażin ta' tiswija, iżda minħabba li l-pedament tagħha therra stante perkolazzjoni ta' ammont kbir ta' ilma, ilma li kien qed jipperkola fil-pedament tat-triq wara li l-main water pipe li jgħaddi minn din l-istess triq infaqa`.

Sakemm ma kienx hemm dan l-ilma, it-triq żammet, minkejja d-difetti fil-kompożizzjoni tagħha riżultanti mill-ammont kbir ta' ramel fl-inħawi. Kien meta nfaqa' dan il- water main pipe li t-triq ċediet, fil-fatt dawna ġraw ftit minuti 'l bogħod minn xulxin, kif jirriżulta mix-xhieda tal-Perit Odette Lewis li ġiet imsejħa fuq il-post, l-ewwel minħabba l-main water pipe li nfaqa' u ftit tal-minuti wara minħabba x-xarabank li waqa' fil-parti sfrondata tat-triq.

It-Tribunal jifhem illi kif issottomettiet il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, main water pipe bħal dak mhux faċli li wieħed jagħmel manutenzjoni fuqu għaliex ma tistax taqilgħu u terġa' tordmu anke minħabba l-pożizzjoni tiegħu fi triq arterjali. Tifhem ukoll li l-Korporazzjoni ħadet azzjoni meta saret taf bil-ħsara fuq dan il-main water pipe, iżda l-ilma laħaq ipperkola fil-pedament tat-triq u għalhekk seħħ l-inċident. It-Tribunal m'għandu l-ebda dubju li kien minħabba dik il-ħsara fil-main water pipe li t-triq sfrondat u għaldaqstant hija l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li għandha terfa' r-responsabilita` tal-inċident.

Fit-tieni lok, rigward l-ammont li qed jiġi reklamat mill-attur, it-Tribunal huwa tal-fehma li dana ġie sodisfaċentement ippruvat mill-attur. L-ammont mitlub għall-ħsarat fix-xarabank ġie korraborat mis-survey u mix-xhieda mogħtija mid-damage assessor Nathalino Agius. L-ammont mitlub għat-telf ta' qligħ ġie kkorraborat mill-Income tax Returns (fol. 47 et. seq. u fol. 70 et. seq.), VAT Returns (fol. 37 u 38), u mid-dokument maħruġ mill-Assoċjazzjoni għat-Trasport Pubbliku (fol. 28). It-Tribunal huwa tal-fehma wkoll li sitt'ijiem tax-xogħol huma ġustifikati sabiex ġie msewwi x-xarabank.

**Deċide**

Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, it-Tribunal qiegħed fl-ewwel lok jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta, u jilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ispejjeż inkorsi mill-istess Awtorita` f'din il-kawża, u wkoll tal-ittra bonarja tat-23 ta' Novembru 2011 u tal-ittra ġudizzjarja datata 12 t'April 2012, jitħallsu mill-attur.

Fit-tieni lok qiegħed jilqa' t-talba tal-attur, u jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u għaldaqstant qiegħed jordna lill-Korporazzjoni għas-Servizzi

tal-Ilma sabiex tħallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u tnejn u ħamsin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€3452.88), bl-imgħax legali dekorribbli mit-30 ta’ Lulju 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż inkorsi mill-attur (eskluż l-ispejjeż rimborsati lill-Awtorita għat-Trasport f’Malta) ikunu a karigu tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li għandha wkoll tbati l-ispejjeż tagħha.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------